**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 148**
**L-Erbgħa, 12 ta' Lulju, 2023 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9852. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Nirreferi lill-Onor. Interpellanta għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9844.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9853. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba numru 9844.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - SEGRETARJAT PARLAMENTARI GĦALL-FONDI EWROPEJ - IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9854. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru, permezz tas-Segretarjat Parlamentari, jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba numru 9844.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9855. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tagħha u taqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba numru 9844.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI – IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9856. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9844.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦAL GĦAWDEX - IMPJEGATI FIS-SERVIZZ PUBBLIKU**

**9857. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm impjegati fis-Servizz Pubbliku li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu u jaqsam din l-informazzjoni skont il-grad tal-impjegati?

08/06/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9844.

Seduta 148
12/07/2023

**IX-XEMXIJA - ŻONA TAL-EX MISTRA VILLAGE - TWAQQIGĦ U TQATTIGĦ TA' TRINEK**

**10373. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10166 u jgħid għaliex iż-żona tal-eks Mistra Village x-Xemxija fejn għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet, kienet eskluża mil-lokalitajiet turistiċi? Għalfejn din l-area Triq Raddett ir-Roti ma wasslitx sa tarf bħal kull triq oħra fil-lista, fejn mhux permess li jsir twaqqigħ u qtugħ ta' trinek wara l-15 ta' Ġunju?

21/06/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant, li ż-żona msemmija fil-mistoqsija tiegħu, ċioe' fejn kien il-Mistra Village, m'għadux meqjusa bħala post turistiku .

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10410. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10172, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/06/2023

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onorevoli nterpellant li fis-sena 2022 kien hemm 32 ħaddiema mpjegati minn aġenzija tax-xogħol, filwaqt li fl-2023 kien hemm 37 ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10411. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10173, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/06/2023

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10412. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10174, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/06/2023

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tingabar u se tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10413. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10175, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-Gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/06/2023

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor Interpellant li hemm 17-il impjegat li ħadmu fl-Awtorità tad-Djar fl-2022 u li qed jaħdmu fl-2023 li huma impjegati ta' agenzija tax-xogħol (jitħallsu minnha).

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - IMPJEGATI MINN ĦADDIEMA TA' AĠENZIJI TAX-XOGĦOL**

**10414. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10176, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar in-numru ta' impjegati jew sigħat maħduma, ta' ħaddiema impjegati minn aġenzija tax-xogħol tal-kumpanija li ngħatat tender tal-gvern u titħallas mill-Ministeru jew entitajiet governattivi/Awtoritajiet/Kumpaniji tal-Gvern li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, għas-snin 2022 u 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

22/06/2023

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta 148
12/07/2023

**REVIŻJONI TAR-ROTOT TAL-KAROZZI TAL-LINJA**

**10660. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta kienet l-aħħar darba li ġew riveduti r-rotot tal-karozzi tal-linja?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsabu nformati li l-bażi tan-network tat-trasport pubbliku bi skeda kien daħal fis-sena 2015. Minn dak iż-żmien sar numru konsiderevoli ta' tibdil u addizzjonijiet li jikkonsistu fl-introduzzjoni tar-rotot ġodda, tibdil fir-rotta kif ukoll żidiet fil-frekwenzi.

Seduta 148
12/07/2023

**TRANSPORT MALTA – EŻERĊIZZJU DWAR IL-FREKWENZI TAT-TRASPORT**

**10661. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'eżerċizzju jsir biex Transport Malta tiddeċiedi fejn il-frekwenza tal-karozzi tal-linja għandha tiżdied jew tonqos?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninsab informat li Transport Malta tagħmel diversi eżerċizzji qabel ma tittieħed id-deċiżjoni jekk il-frekwenza tar-rotot jinħtieġu jiżdiedu jew jonqsu. Dawn jinkludu:

- Minn żmien għal żmien isir eżerċizzju fejn jiġu analizzati n-numru ta' passiġġieri li jkunu għamlu użu mir-rotot fil-ħinijiet diversi tal-ġurnata. B'dan l-eżerċizzju jiġi stabbilit jekk il-kapaċità tal- frekwenza tar-rotot individwali humiex ilaħħqu mad-domanda.
- Minn osservazzjonijiet li jsiru minn uffiċjali ta' Transport Malta li jwettqu spezzjonijiet regolari minn postijiet differenti
- Konsiderazzjoni tas-suġġerimenti li jaslu kemm għand Transport Malta kif ukoll għand l-operatur privat li jopera s-servizz tat-trasport publiku jiġifieri Malta Public Transport.
- Meta tinħoloq domanda ġdida bħal pereżempju meta daħal is-servizz tal-Fast Ferry fejn minħabba dan is-servizz ġdid daħlu fis-seħħ tlett rotot ġodda sabiex jaqdu l-bżonnijiet tal-ivjaġġar tal-passiġġiera.

Seduta 148
12/07/2023

**ŻIEDA FIL-FREKWENZA TAR-ROTOT**

**10662. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid liema rotot tal-karozzi tal-linja żdiedu fil-frekwenza tagħhom bejn Jannar u Ġunju 2023?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm żidiet fil-frekwenza fuq ir-rotot sussegwenti:

- 13A Tas-Sliema/ San Ġiljan - il-Belt Valletta
- 42 iċ-Ċirkewwa – il-Belt Valletta
- 48 Buġibba – il-Belt Valletta
- 222 iċ-Ċirkewwa – Tas-Sliema

Ninformah ukoll li sal-aħħar ta' Lulju 2023 hu mistenni li se jidħlu fis-seħħ żidiet fuq 13-il rotta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**KAROZZI TAL-LINJA ĠODDA - INVESTIMENT**

**10663. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta sar l-aħħar investiment f'karozzi tal-linja ġodda?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-aħħar investiment f'karozzi tal-linja li għamel l-opertur privat tat-trasport pubbliku kien bejn April u Ġunju ta' din is-sena fejn dan daħħal fis-servizz 25 karozza tal-linja ġdida ta' 12-il metru li jaħdmu bl-elettriku. Dawn żdiedu mal-flotta li kien hemm.

Huwa mistenni li fix-xhur li ġejjin jiżdiedu mal-flotta 5 karozzi tal-linja ġodda li wkoll jaħdmu bl-elettriku.

Seduta 148
12/07/2023

**KAROZZI TAL-LINJA - FLOTTA**

**10664. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi kbira l-flotta tal-karozzi tal-linja bħalissa?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab informat li fil-preżent il-flotta tal-karozzi tal-linja tikkonsisti f'454 vettura.

Seduta 148
12/07/2023

**KAROZZI TAL-LINJA – SPEZZJONIJIET TA' SIGURTÀ**

**10665. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kull meta jsiru spezzjonijiet ta' sigurtà fuq il-karozzi tal-linja?

30/06/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Public Transport Unit fi ħdan Transport Malta għandha ħamest uffiċjali li xogħlom hu li ta' kull jum jispezjonaw numru ta' karrozzi tal-linja għal fost l-oħrajn affarijiet li jikonċernaw is-sigurtà ta' dawn il- vetturi. Bejn Jannar u Mejju ta' din is-sena dan il-Unit wettaq medja ta' 554 spezzjoni fix-Xahar li jikonċernaw s-sigurtà fuq il-karozzi tal-linja.

Dan minbarra spezzjonijiet li jsiru min sezzjoni oħra fi ħdan l-istess Awtorità, jiġifiri il-Vehicle Inspectorate Unit li bħala medja, bejn Jannar u Ġunju ta' din is-sena wettqu medja ta' 50 spezzjonijiet addizjonali fix-Xahar fuq l-istess karrozzi tal-linja.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – KONSULENTI LEGALI**

**10724. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

30/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif se jingħata f'seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – MEMBRI TA' BORDIJIET U ENTITAJIET**

**10725. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

30/06/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – KONSULENTI LEGALI**

**10726. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-konsulenti legali li jagħtu konsulenza lill-Ministeru tiegħu? Jista' jgħid ukoll min huma l-konsulenti legali ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu? Għal kull każ, jista' jgħid minn meta ilhom jagħtu din il-konsulenza legali u kemm jitħallsu għaliha?

30/06/2023

**ONOR. JO-ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-informazzjoni ser titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra

Seduta 148
12/07/2023

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – MEMBRI TA' BORDIJIET U ENTITAJIET**

**10727. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri preżenti kollha ta' kull bord u entità li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, inkluż iċ-Chairperson u s-Segretarju/a? Jista' jgħid x'inhi r-remunerazzjoni ta' kull persuna fil-bord jew entità rispettiva?

30/06/2023

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellanta li l-informazzjoni ser titpoġġa fuq l-Mejda tal-Kamra.

Seduta 148
12/07/2023

**INFRASTRUCTURE MALTA – SPEZZJONI FL-INFRASTRUTTURA TAT-TRIQ QABEL U WARA INĊIDENT TAT-TRAFFIKU**

**10783. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Infrastructure Malta tagħmilx xi tip ta' spezzjoni sabiex tara jekk kienx hemm xi ħsara/periklu fl-infrastruttura tat-triq qabel u wara inċident tat-traffiku serju, pereżempju skid test? Jista' juri evidenza ta' dawn ir-rapporti?

03/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta tispezjona ħsarat li jiġu rrappurtati fl-infrastruttura tat-toroq arterjali u distributorji u tintervjeni biex jissewwew ħsarat skont il-bżonn.

Seduta 148
12/07/2023

**DĦUL MILL-VAT FUQ IL-KONTIJIET TAD-DAWL U L-ILMA**

**10798. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 10067, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, u tgħid kemm hu l-ammont li l-Gvern daħħal mill-VAT fuq il-kontijiet tad-dawl u l-ilma, sena b'sena mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

03/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-konsumatur ma jħallas l-ebda VAT fuq il-kont tal-ilma, filwaqt li jħallas rata preferenzjali imnaqqsa ta' 5% fuq il-kont tal-elettriku. Qiegħda npoġġi tabella bl-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 148
12/07/2023

**ĠNIEN L-GĦARUSA TAL-MOSTA – LATRINI PUBBLIĊI**

**10802. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk għandhiex time frame għal meta se jsiru l-latrini pubbliċi fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta?

03/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 8576.

Seduta 148
12/07/2023

**MOSTA - BOLLARDS**

**10817. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10322, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u ċjoè: B'referenza għall-bollards forma ta' ballun tal-irħam li tpoġġew fil-Mosta, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għal dawn il-bollards li jikkonfermaw li dawn mhumiex ta' periklu? Kemm hi l-ispiża ta' dawn il-bollards? Ta' min hi r-responsabbiltà u min qed jiffinanzja dawn il-bollards u liema entità qed terfa' r-responsabbiltà dwar is-sigurtà?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali tal-Mosta illi li t-Traffic Management fi Triq il-Kbira huwa approvat mill-awtoritajiet kompetenti. Dwar il-bollards li tpoġġew, dawn huma varjazzjoni ta' bollards li jintużaw kemm f'Malta u kemm f'ħafna bliet Ewropej u madwar il-bqija tad-dinja.

Dawn jitpoġġew f'postijiet strateġiċi biex jipproteġu żoni fejn vetturi ma jistgħux jgħaddu jew jieqfu u dan biex tiżdied is-sigurtà għal min juża t-toroq tagħna. L-ispiża ta' dawn il-bollards, bl-installazzjoni b'kollox hija ta' €4,970, u dawn saru mill-kunsill tal-Mosta biex jikkumplimentaw ix-xogħol bil-madum tal-qawwi li sar f'din it-triq u li issa se nkomplu nkabbru bil-proġett tal-Pjazza tal-Mosta u l-akkwati.

Seduta 148
12/07/2023

**MOSTA - BOLLARDS**

**10818. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10323, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, u ċjoè: B'referenza għal bollards forma ta' ballun tal-irħam li tpoġġew fil-Mosta, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar għal dawn il-bollards li jikkonfermaw li dawn mhumiex ta' periklu? Kemm hi l-ispiża ta' dawn il-bollards? Ta' min hi r-responsabbiltà u min qed jiffinanzja dawn il-bollards u liema entità qed terfa' r-responsabbiltà dwar is-sigurtà?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li qiegħda tingħata għall-mistoqsija parlamentari 10817.

Seduta 148
12/07/2023

**MOSTA – PROĠETT FIL-PJAZZA**

**10819. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10324, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, u ċjoè: B'referenza għall-proġett fil-pjazza tal-Mosta, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-aħħar pjanti aġġornati ta' dan il-proġett? Jista' jgħid kemm se jkun jiswa l-pavimentar tal-irħam li se jitqiegħed fuq il-bankini u min se jidħol responsabbli għall-ħlas ta' dan il-proġett, jekk hux l-Infrastructure Malta jew il-Kunsill Lokali tal-Mosta? Kemm hu n-numru ta' parking bays li se jintilfu mill-pjazza fejn qiegħed isir dan il-proġett? Jista' jgħid x'passi se jittieħdu biex fil-pjazza jiżdiedu parking bays ġodda biex jagħmlu tajjeb għal parking bays mitlufa?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra il-pjanta tal-proġett tal-Pjazza tal-Mosta hekk kif mgħoddija lili mill-Kunsill Lokali tal-Mosta u hekk kif approvat mill-istess Kunsill.

Informat li dan il-proġett qed jitwettaq bil-kollaborazzjoni ta' diversi entitajiet tal-Gvern.

Seduta 148
12/07/2023

**TEMPJI TAL-ĠGANTIJA – NEFQA**

**10820. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'tip ta' investiment infrastrutturali u xogħol ta' restawr sar fit-Tempji tal-Ġgantija fix-Xagħra Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm kienet in-nefqa għal kull xogħol li sar, sena b'sena u xahar b'xahar, minn Frar 2020 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-ispejjeż ewlenin fil-Ġgantija minn Frar 2020 sa Ġunju 2023 jammontaw għal madwar €86,800, kif deskritt hawn taħt. Dan l-ammont jeskludi x-xiri ta' affarijiet ta' kuljum, kif ukoll il-pagi ta' kuraturi, restawraturi u l-ħaddiema u uffiċjali kollha l-oħra sabiex sar ix-xogħol imsemmi hawn taħt u ħafna xogħol ieħor sabiex jiġi amministrat il-park arkeoloġiku tal-Ġgantija.

| **Data** | **Description** | **Spiza cirka** |
|---|---|---|
| Marzu 2020 | Xiri ta' pjanċi ggalvanizzati ta' *Cor-ten* għall-bibien tal-bini tal-ħruġ mill-park | €3,000 |
| 2020 | Stallazzjoni ta' għamara ġdida u xiri ta' hardware fir-*reception* | €5,000 |
| Marzu 2020 | Stallazzjoni ta' *Automatic Changeover Switch* ġdid għaċ-Ċentru tal-Viżitaturi | €1,900 |
| Nov 2020 – Marzu 2021 | Materjal meħtieġ għar-restawr ta' ħitan tas-sejjiegħ | €500 |
| Novembru 2020 | Xiri u stallazzjoni ta' bieb prinċipali ġdid għaċ-Ċentru tal-Viżitaturi | €9,000 |
| Marzu 2022 | Stampar ta' pannelli ta' interpretazzjoni ġodda | €500 |
| Lulju 2022 | Xiri ta' materjal għal tiswijiet fil-walkway tal-Ġgantija | €400 |
| Frar 2022 - Gunju 2023 | Xiri u stallazzjoni ta' għadd ta' *showcases* ġodda ta' kwalità muzeali għaċ-Ċentru tal-Viżitaturi | €66,000 |
| Gunju 2023 | Stampar ta' pannelli ta' interpretazzjoni ġodda | €500 |

Seduta 148
12/07/2023

**FONDAZZJONI PATRIMONJU MALTI SUPERVISORY COUNCIL - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10834. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10392 fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 148
12/07/2023

**KUMITAT KONSULTATTIV – FESTIVAL KANZUNETTA MALTIJA - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10835. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10393 fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

04/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 148
12/07/2023

**ENGINEERING RESOURCE LIMITED – ĦATRA TA' MEMBRI**

**10873. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għall-Avviż Nru 752 tal-Gazzetta tal-Gvern, tista' l-Ministru tgħid liema kien l-istrument legali li abbażi tiegħu ġew maħtura l-membri ta' Engineering Resources Limited u x'kienu l-kriterji użati biex dawn ġew maħtura?

05/07/2023

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtu għall-mistoqsija parlamentari 10501.

Seduta 148
12/07/2023

**IR-RABAT, GĦAWDEX – TRIQ TA’ WARA S-SUR - PROĠETT**

**10874. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 23112 li ngħatat fl-14 ta' Diċembru 2021 dwar il-proġett propost fid-diversi baġits passati ta' bini mill-ġdid tat-Triq ta' Wara s-Sur, fir-Rabat Għawdex, fejn kien ġie mwieġeb li "x-xogħol fuq it-Triq ta’ Wara s-Sur fir-Rabat Għawdex ser jinbeda meta jinkisbu l-permessi neċessarji", jista’ l-Ministru jgħid jekk il-permessi nkisbux u jekk iva, jista' jagħti d-data ta' meta inkisbu? Jista’ jgħid f’liema xahar u sena hu ppjanat li jinbeda x-xogħol fuq din l-imsemmija triq peress li tinsab fi stat ħażin ħafna?

05/07/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li n-numru tal-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar ta’ Triq ta’ Wara s-Sur huwa PA/03826/21. Ix-xogħol fuq l-imsemmija triq mistenni jibda fil-ġimgħat li ġejjin hekk kif isir l-esproprju tal-junction kif approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar.

Seduta 148
12/07/2023

**GĦAWDEX – TOROQ ARTERJALI U DISTRIBUTORJI**

**10875. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jagħti lista u jgħid liema huma t-toroq arterjali u distributorji f’Għawdex lokalità b'lokalità?

05/07/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**GĦAWDEX – SKEJJEL PRIMARJI U SEKONDARJI – XOGĦLIJIET TA’ NATURA ORDINARJA JEW STRAORDINARJA**

**10876. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista’ l-Ministru jgħid x’xogħlijiet ta’ natura ordinarja jew straordinarja se jsiru tul dan is-sajf fl-iskejjel primarji u sekondarji ġewwa Għawdex? Jista’ jgħid ukoll minn min se jsir ix-xogħol u kemm hi stmata li se tkun in-nefqa?

05/07/2023

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar u tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**SKEJJEL SEKONDARJI - LSES, GĦALLIEMA, ASSISTENTI KAPIJIET U KAPIJIET LI RRIŻENJAW**

**10891. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10601 u ċjoè: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10417, jista’ l-Ministru jgħid kemm kien hemm LSEs, għalliema, assistenti kapijiet ta' skejjel u kapijiet ta' skejjel fil-livell sekondarju li bdew l-impjieg tagħhom matul l-aħħar 12-il xahar, maqsuma għal kull kategorija?

05/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Grad | Total ta' impjegati ġodda |
|---|---|
| Kap | 2 |
| Asst. Kap | 13 |
| LSE | 31 |
| Għalliem/a | 152 |

Seduta 148
12/07/2023

**SKEJJEL TAL-ISTAT - INGAĠĠ TA' LSES**

**10892. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10608 u jgħid kemm-il persuna iktar hemm bżonn li tiġi ingaġġata mal-Gvern bħala LSE fl-iskejjel tal-Gvern, maqsumin skont il-livell primarju u dak sekondarju, sabiex tkun intlaħqet id-domanda għal-LSEs?

05/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**PRODOTTI AGRIKOLI MALTIN - ESPORTAZZJONI**

**10893. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema prodotti agrikoli ġew esportati minn Malta mill-1 ta' Jannar, 2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Liema prodotti agrikoli ntbagħtu minn Malta għal pajjiżi oħra tal-Unjoni Ewropea?

05/07/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Tabella **A** turi l-prodotti agrikoli esportati minn Malta, filwqat li t-tabella **B** telenka l-prodotti agrikoli esportati minn Malta għall-pajjizi tal-Unjoni Ewropea. Din l-informazzjoni tkopri mill-1 ta' Jannar 2022 sal-31 ta' Mejju 2023.

Seduta 148
12/07/2023

**L-IMĠARR – SITI TA' IMPORTANZA STORIKA**

**10894. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10605 dwar siti ta' importanza storika fl-Imġarr, jista' l-Ministru jgħid jekk sarx investiment mill-Gvern jew minn Heritage Malta f'xi wieħed mis-siti msemmija fl-istess tweġiba? Jekk sar xi investiment, liema investiment sar, fuq liema sit sar u min wettaq dan l-investiment?

05/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li ż-żewġ siti li tamministra Heritage Malta fl-Imġarr huma t-tempji neolitici Ta' Ħaġrat u Skorba. Dawn huma miftuħa għall-pubbliku regolarment.

Ninsab infurmat ukoll li matul din is-sena sar tindif u manutenzjoni ġenerali, u ġie prodott dokumentarju li jiffoka fuq id-daħla ewlenija għal Ta' Haġrat u r-rwol tal-komunità tal-Imġarr fl-amministrazzjoni tas-sit minn meta ġie skopert.

Seduta 148
12/07/2023

**TRANSPORT MALTA – RAPPORTI DWAR VETTURI LI JARMU DUĦĦAN EĊĊESSIV**

**10911. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ippreżentati rapporti bejn is-sena 2021 u s-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari ma' Transport Malta dwar vetturi li jarmu dħaħen eċċessiv tal-exhaust? Jista' jgħid kemm vetturi individwali ġew irrappurtati matul l-istess perjodu u x'azzjoni ttieħdet kontra tali vetturi?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn l-2021 u s-sena 2023 ġew ippreżentati 802 rapport li minnhom 394 għaddew mill-emissions test, 171 fallew it-test u ġew mħarrka, filwaqt li 237 ma attendewx għat-test u nħarġitilhom restrizzjoni fuq il-liċenzja tal-vettura.

Seduta 148
12/07/2023

**KUMITAT ORGANIZZATTIV – FESTIVAL KANZUNETTA MALTIJA - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10913. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10394, fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol taghhom, jista' jagħti spjegazzjoni oġġettiva ibbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 148
12/07/2023

**KOTTONERA FOUNDATION BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10914. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10395, fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol taghhom, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 148
12/07/2023

**INTANGIBLE CULTURAL HERITAGE BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10915. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10396, fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 148
12/07/2023

**HERITAGE MALTA BOARD - KOMPETENZI U REMUNERAZZJONI TA' INDIVIDWI**

**10916. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 4898 u 10397, fejn il-Ministru wieġeb li l-bordijiet u l-kumitati huma komposti minn individwi b'esperjenza u kompetenza sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, u ġaladarba l-Ministru ħatar it-tali individwi f'inkarigu pubbliku u mħallsa minn fondi pubbliċi sabiex jintlaħqu t-tragwardi u l-aspettattivi mixtieqa mill-irwol tagħhom, jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni oġġettiva bbażata fuq l-esperjenza u l-kompetenza li wasslet għall-għażla ta' dawn l-individwi u għall-ħatra tagħhom u xi tragwardi u aspettattivi huma mistennija minnhom?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 4898.

Seduta 148
12/07/2023

**FGURA – TRIQ IL-KARMNU – ROUNDABOUT**

**10931. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10484, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u jara li r-roundabout li hemm kif toħroġ minn Triq il-Karmnu, fil-Fgura, int u sejjer lejn Ħal Tarxien, tiġi mnaddfa u mqiegħda lura għall-pożizzjoni li kienet?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**FGURA – TRIQ IL-KARMNU – ROUNDABOUT**

**10932. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10484, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, u jara li r-roundabout li hemm kif toħroġ minn Triq il-Karmnu, fil-Fgura, int u sejjer lejn Ħal Tarxien, tiġi mnaddfa u mqiegħda lura għall-pożizzjoni li kienet?

06/07/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 148
12/07/2023

**KALKARA – BAJJA TAR-RINELLA - XOGĦLIJIET**

**10933. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9421, jista' l-Ministru jgħid jekk ix-xogħol li kellu jsir fil-Bajja tar-Rinella, fil-Kalkara, sarx?

06/07/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li x-xogħol imsemmi diġa' beda u mistenni jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin.

Seduta 148
12/07/2023

**LAQGĦAT MA' ASSOĊJAZZJONI**

**10934. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kienx hemm laqgħat miegħu jew fil-Ministeru, mal-Assoċjazzjoni li d-dettaji dwarha qed jingħataw separatament u x'kien l-eżitu *in vista* tad-diffikultajiet li qegħdin jiltaqgħu magħhom wara xi xogħlijiet li saru?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minix infurmat li saru laqgħat ma' din l-Assoċjazzjoni fil-Ministeru tiegħi. Madankollu ma neskludix li saru laqgħat ma' entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħi.

Seduta 148
12/07/2023

**LAQGĦAT MA' FONDAZZJONI**

**10935. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm laqgħat miegħu jew fil-Ministeru mal-Fondazzjoni li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament u x'kien l-eżitu tagħhom?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma' din il-fondazzjoni kien hemm numru ta' laqgħat, inkluż miegħi personali u mal-entitajiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Ministeru. Jiġu kkonsultati spiss fuq proġetti infrastrutturali u riċentament kienu mistiedna wkoll għat-tnedija tal-proġett tal-active mobility routes.

Seduta 148
12/07/2023

**MTA – STABBILIMENTI LIĊENZJATI F'WIED IL-GĦAJN**

**10936. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm stabbilimenti liċenzjati f'Wied il-Għajn mal-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta (MTA) biex joperaw bħala ristorant u kemm għalqu jew kellhom l-liċenzja tagħhom irtirata sal-aħħar ta' Ġunju 2023?

06/07/2023

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**IL-MELLIEĦA, IN-NAXXAR U SAN PAWL IL-BAĦAR – GARAXXIJIET TAL-KAROZZI TAL-KIRI**

**10940. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10621 u jgħid kemm hu n-numru ta' public service garages liċenzjati biex jikru karozzi fil-Mellieħa, in-Naxxar u San Pawl il-Baħar? Kemm hu t-total ta' karozzi liċenzjati f'dawn il-garaxxijiet?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 148
12/07/2023

**TRANSPORT MALTA – LIĊENZJI TAS-SEWQAN TA' OPRI TAL-BAĦAR**

**10941. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 10693 u jgħid kemm hu n-numru ta' persuni li għandhom liċenzja għas-sewqan tal-opri tal-baħar, hekk kif liċenzjati minn Transport Malta? Kemm liċenzji ġodda nħarġu din is-sena?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant lin-numru totali ta' liċenzji nawtiċi maħruġa taħt ir-Regolamenti tal-Bastimenti Żgħar (Small Ships Regulations S.L. 499.52) bħalissa huwa ta' 25,380. Matul is-sena 2023, sal-lum inħarġu total ta' 625 liċenzja nawtiku.

Seduta 148
12/07/2023

**GŻIRA – TRIQ MANOEL DE VILHENA - XOGĦLIJIET**

**10970. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkunu lesti x-xogħlijiet fi Triq Manoel de Vilhena, fil-Gżira (it-triq tal-Knisja), li ilha magħluqa 'l fuq minn sena, u meta se tkun miftuħa għall-karozzi?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 148
12/07/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ ID-DEHEB FIN - XOGĦLIJIET**

**10971. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħol qed isir bħalissa fiż-żona Ta' Farsina, partikolarment fi Triq id-Deheb Fin u l-madwar f'Ħal Qormi?

06/07/2023

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħolijiet ta' Infrastructure Malta fi Triq id-Deheb Fin, Qormi, jikkonsistu f'xogħolijiet ta' tqegħid ta' cables tal-Enemalta, mains ġodda tal-ilma kif mitlub mill-WSC, servizzi ġodda ta' telekomunikazzjoni, bini ta' bankini ġodda u bini mill-ġdid tat-triq inkluż asfalt.

Seduta 148
12/07/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ ID-DEHEB FIN - XOGĦLIJIET**

**10972. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħol qed isir bħalissa fiż-żona Ta' Farsina, partikolarment fi Triq id-Deheb Fin u l-madwar f'Ħal Qormi?

06/07/2023

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 148
12/07/2023

**ĦAL QORMI – TRIQ ID-DEHEB FIN - XOGĦLIJIET**

**10973. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid x'xogħol qed isir bħalissa fiż-żona Ta' Farsina, partikolarment fi Triq id-Deheb Fin u l-madwar f'Ħal Qormi?

06/07/2023

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li ninsab informat mill-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi li nbeda x-xogħol ta' resurfacing minn Infrastructure Malta.
Il-proġett jinvolvi xogħol fi Triq id-Deheb Fin, Triq il-Ħarifa, parti minn Triq ix-Xitwa u Triq id-Dielja.

Seduta 148
12/07/2023

**STUDENTI BI BŻONNIJIET SPEĊJALI LI JKOLLHOM BŻONN LSE**

**10985. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid dawk l-istudenti bi bżonnijiet speċjali fit-tagħlim, kemm idumu jistennew għal LSE minn wara li jiġu identifikati li għandhom bżonn l-għajnuna?

07/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**KLASSIJIET LI M'GĦANDHOMX CLASS AID**

**10986. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn klassijiet f'kull skola ta' Malta u Għawdex li għandhom iktar minn 18-il student li m'għandhomx 'class aid'?

07/07/2023

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 148
12/07/2023

**GĦAJNUNA FINANZJARJA MILL-UE GĦAL MALTA FI ŻMIEN IL-COVID-19**

**10987. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm irċeviet għajnuna finanzjarja Malta mingħand l-Unjoni Ewropea biex tikkumbatti l-COVID-19? X'forma ta' għajnuna oħra ħadet, apparti dik finanzjarja?

07/07/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 679.
Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi apparti dak li diġà ġie spjegat, kien hemm ukoll madwar €19-il miljun mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali allokati għal spiża relatata direttament mal-pandemija u €11.1-il miljun mir-REACT-EU allokati għal spiża sabiex jinxtara apparat mediku għar-reżiljenza fis-sistema tal-kura tas-saħħa.

Seduta 148
12/07/2023

**PERSUNI LI WEĦLU SENTENZA TA' PRIĠUNERIJA MINĦABBA KONSUM JEW TRAFFIKAR TA' DROGI**

**10988. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew ikkundannati persuni l-ħabs minħabba konsum jew traffikar ta' drogi f'dawn l-aħħar 15-il sena, sena b'sena?

07/07/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 148
12/07/2023

**PERSUNI LI NSTABU ĦATJA JEW INGĦATAW LIBERTÀ PROVIŻORJA MINĦABBA UŻU/TRAFFIKAR TA’ DROGA**

**10989. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġew misjuba ħatja u ngħataw libertà proviżorja persuni minħabba użu/traffikar ta' droga f’dawn l-aħħar 15-il sena, sena b’sena?

07/07/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 148
12/07/2023

**PERSUNI AKKUŻATI B’ĦASIL TA’ FLUS**

**10990. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista’ l-Ministru jgħid kemm persuni kienu akkużati b'ħasil ta' flus fil-Qorti kull sena għal dawn l-aħħar 15-il sena? Kemm kawżi ġew deċiżi u kemm għadhom pendenti?

07/07/2023

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li biex tiġi kkompilata l-informazzjoni kollha, kif mitlub, se jispiċċa jinqabeż l-advisory cost limit.

Seduta 148
12/07/2023

**ĦATRA TA' INKJESTA PUBBLIKA DWAR MEWT TA' PERSUNA**

**11001. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid għaliex għadha ma nħatritx inkjesta pubblika dwar it-traġedja li wasslet għall-mewt ta' persuna li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament?

07/07/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor.Interpellant għat-Tweġiba Parlamentari numru 5591 u għad-dibattitu parlamentari tal-Ħamis 6 ta’Lulju 2023.

Seduta 148
12/07/2023

**HIGH-SKILLED LABOUR**

**11002. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex nimxu lejn il-mudell Olandiż ta' high-skilled labour, kif semma hu stess fil-Kamra tar-Rappreżentanti fil-jiem li għaddew?

07/07/2023

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-istrateġija tal-Gvern jista’ jsibha fil-Politika Nazzjonali għas-Suq tax-Xogħol li ġiet ippubblikata f’Ottubru 2021.

Seduta 148
12/07/2023

**HIGH-SKILLED LABOUR**

**11003. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid x'qed jagħmel il-Gvern biex nimxu lejn il-mudell Olandiż ta' high-skilled labour, kif semma l-Ministru għall-Finanzi stess fil-Kamra tar-Rappreżentanti fil-jiem li għaddew?

07/07/2023

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor.Interpellant għat-Tweġibiet Parlamentari numri 10652 u 11002.

Seduta 148
12/07/2023